MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 403/2004

**WorldWide Import and Export Co. Ltd (C6622)**

**vs**

**Duda Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija, tnejn u tletin Liri Maltin (LM2,632.00,0) dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc ta' prezz ta' forn Rational CPC 61 mibjugha lilha u accetat minnha skond il-fattura datat 9 ta' April tas-sena 2003 u d-"delivery note" datata 4 ta' April tas-sena 2003, kopji hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala dokumenti A u B, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta mid-**

**data tal-fattura hawn fuq imsemmija, u l-istess socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Novembru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------